KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NIILO JÄÄSKINEN
ippreżentati fis-17 ta' Novembru 2011 [1]

Kawża C-461/10

Bonnier Audio AB,
Earbooks AB,
Norstedts Förlagsgrupp AB,
Piratförlaget Aktiebolag
Storyside AB
vs
Perfect Communication Sweden AB ("ePhone")

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Isvezja)]

"Dritt tal-awtur u drittijiet relatati — Dritt għal ħarsien effettiv tal-proprjetà intellettwali — Direttiva 2004/48/KE — Artikolu 8 — Ħarsien tad-data personali — Komunikazzjoni elettronika — Żamma ta' ċerta data ġġenerata — Trażmissjoni ta' data personali lil individwi — Direttiva 2002/58/KE — Artikolu 15 — Direttiva 2006/24/KE — Artikolu 4 — Kotba rrekordjati — Skambju ta' fajls — Ordni ġudizzjarja indirizzata lill-fornitur tas-servizz tal-internet sabiex jikkommunika l-isem u l-indirizz ta' utent ta' indirizz IP"

I – Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 sa 5 u 11 tad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE [2], kif ukoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [3].

2. Din it-talba tressqet mill-Högsta domstolen (Il-Qorti Suprema, l-Isvezja) fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpanniji Bonnier Audio AB, Earbooks AB, Norstedts Förlagsgrupp AB, Piratförlaget Aktiebolag u Storyside AB (iktar 'il quddiem "Bonnier Audio *et*"), minn naħa, u l-kumpannija Perfect Communication Sweden AB (iktar 'il quddiem "ePhone"), min-naħa l-oħra, dwar il-kontestazzjoni mressqa minn din tal-aħħar għat-talba ta' ordni għall-komunikazzjoni ta' data introdotta minn Bonnier Audio *et*, sabiex ikun identifikat abbonat speċifiku.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 105, p. 54.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32.

3. Il-ħarsien ta' data personali huwa qasam transvers li ma jieqafx iqajjem ċertu numru ta' mistoqsijiet f'oqsma differenti. Huwa jikkostitwixxi dritt fundamentali (Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta tad-Drittijiet Fundamentali")) bħal ma huwa d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja (Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali), li jrid jiġi ħafna drabi bbilanċjat ma' dritt ieħor fundamentali ggarantit mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li huwa l-ħarsien tal-proprjetà intellettwali (Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali)[4]. Fid-dritt sekondarju, żewġ direttivi jikkostitwixxu t-testi ta' riferiment, jiġifieri d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[5], u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)[6]. Id-direttivi msemmija ġew ikkompletati permezz tad-Direttiva 2006/24.

4. In-natura innovattiva u ħafna drabi delikata tal-kwistjonijiet dwar il-ħarsien tad-data personali toħroġ ukoll mill-fatt li numru kbir tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja wasslu għal sentenza mill-Awla Manja, b'mod partikolari fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46[7].

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha diġà bosta okkażjonijiet fejn tippronunzja ruħha dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/24. Il-kwistjoni ġuridika mqajma minn din il-kawża tiddistingwi ruħha, madankollu, minn dawk li servew ta' bażi għall-kawżi sa issa deċiżi[8]. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari dwar jekk huwiex neċessarju li tiġi kkompletata l-interpretazzjoni mogħtija fil-kawżi li taw lok għas-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, u għad-digriet LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten, iċċitat iktar 'il fuq[9], wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2006/24.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

6. Id-Direttiva 2004/48 tistabbilixxi regoli dwar ir-rispett tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

7. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48 huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-kuntest tal-passi legali li jikkonċernaw il-kontravvenzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u b'risposta għal talba ġustifikata u proporzjonali ta' min għamel il-klejm, l-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji jistgħu jordnaw li l-informazzjoni fuq n-networks ta' l-oriġini u tad-distribuzzjoni ta' l-oġġetti jew is-servizzi li tikser id-dritt għall-proprjetà intellettwali għandu jkun pprovdut mill-kontravventur u/jew xi persuna oħra li:

(a) instab f'possessjoni [ikollu fil-pussess tiegħu] ta' l-oġġetti li jikkontravjenu fuq skala kummerċjali;

4 — Fir-rigward tal-konnessjonijiet mal-ħarsien tal-proprjetà intellettwali, ara s-sentenza tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae (C-275/06, Ġabra p. I-271); id-digriet tad-19 ta' Frar 2009, LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten (C-557/07, Ġabra p. I-1227) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón, tal-14 ta' April 2011, fil-kawża Scarlet Extended vs Sabam (C-70/10), li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355.

6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514.

7 — Fir-rigward tad-Direttiva 95/46, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Mejju 2003, Österreichischer Rundfunk *et* (C-465/00, C-138/01 u C-139/01, Ġabra p. I-4989); tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist (C-101/01, Ġabra p. I-12971); tas-16 ta' Diċembru 2008, Satakunnan Markkinapörssi u Satamedia (C-73/07, Ġabra p. I-9831), kif ukoll tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke (C-92/09 u C-93/09, Ġabra p. I-11063).

8 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, L-Irlanda vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-301/06, Ġabra p. I-593) kif ukoll ir-rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li taw lok għas-sentenzi tas-26 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-202/09); Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-211/09,); tal-4 ta' Frar 2010, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-185/09), u tad-29 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-189/09). Ara wkoll il-kawża Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-270/11), li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

9 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

(b) instab juża is-servizzi li jikkontravjenu fuq skala kummerċjali;

(ċ) instab li qed jipprovdi fuq skala kummerċjali servizzi użati biex jagħmlu attivitajiet li jikkontravjenu; jew

(d) kien indikat mill-persuna li għaliha saret riferenża fil-punti (a), (b) jew (ċ) bħala li kienet involuta fil-produzzjoni, manifattura jew distribuzzjoni ta' l-oġġetti jew tal-provvista tas-servizzi.

2. L-informazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1, kif inhu xieraq, [tinkludi]:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, manifatturi, distributuri, fornituri u detenturi oħra ta' qabel ta' l-oġġetti jew servizzi, kif ukoll intiżi l-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut;

(b) informazzjoni fuq il-kwantitajiet prodotti, manifatturati, mibjugħa, mgħotija jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għal dawn l-oġġetti jew servizzi in kwestjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet statutorji oħra li:

[…]

e) jiggverna il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' l-informazzjoni jew il-proċessar tad-data personali."

2. Il-ħarsien tad-data personali

8. Il-kuntest ġuridiku rilevanti, f'dan il-qasam, jikkonsisti fi tliet direttivi, jiġifieri d-Direttivi 95/46, 2002/58 u 2006/24.

a) Id-Direttiva 95/46

9. Id-Direttiva 95/46 timponi fuq l-Istati Membri li jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali billi tistabbilixxi prinċipji ta' gwida li jiddeterminaw il-legalità tal-ipproċessar imsemmi.

b) Id-Direttiva 2002/58

10. Id-Direttiva 2002/58 tittraduċi l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46 f'dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

11. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/58 jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet li jsiru permezz ta' netwerk ta' komunikazzjoni pubblika u ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku, kif ukoll id-data dwar it-traffiku fuq l-Internet relatata magħhom u, bħala prinċipju, għandhom jipprojbixxu lil kull persuna oħra, għajr l-utent, milli taħżen din id-data mingħajr il-kunsens tal-utenti kkonċernati. Issir eċċezzjoni biss fir-rigward tal-persuni legalment awtorizzati skont l-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva kif ukoll fir-rigward tal-ħażna teknika neċessarja sabiex tintbagħat komunikazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58 jipprovdi li fir-rigward tad-data dwar it-traffiku fuq l-Internet, dik li hija maħżuna għandha tiġi mħassra jew reża anonima meta ma tkunx iktar neċessarja sabiex tintbagħat komunikazzjoni mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2, 3 u 5 tal-istess artikolu kif ukoll għall-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva.

12. Fir-rigward tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri leġiżlattivi sabiex jirrestringu l-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari, tal-obbligu li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità tad-data dwar it-traffiku fuq l-Internet meta restrizzjoni bħal din tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata, f'soċjetà demokratika, sabiex jiġu salvagwardati s-sigurtà nazzjonali — jiġifieri s-sigurtà tal-Istat — id-difiża u s-sigurtà pubblika jew sabiex jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' użu mhux awtorizzat tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, kif previst fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE.

c) Id-Direttiva 2006/24

13. Id-Direttiva 2006/24 tittratta ż-żamma ta' data ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika.

14. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/24 jipprovdi dan li ġej:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tarmonizza d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-obbligi imposti fuq il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ta' networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi fir-rigward taż-żamma ta' ċerta data ġġenerata jew proċessata minnhom, sabiex jiġi żgurat li d-data tkun disponibbli għal skopijiet ta' investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati serji, kif definita minn kull Stat Membru fil-liġi nazzjonali tiegħu."

15. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/24 jtendu għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw l-obbligu li tinżamm id-data (Artikolu 3), il-kategoriji ta' data li għandha tinżamm (Artikolu 5), il-perijodi ta' żamma tad-data (Artikolu 6), il-protezzjoni u s-sigurtà tad-data (Artikolu 7) kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-ħażna tagħha (Artikolu 8).

16. L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"B'deroga mill-Artikoli 5, 6 u 9 tad-Direttiva 2002/58/KE, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li d-data speċifikata fl-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva tinżamm skond id-dispożizzjonijiet tagħha sa fejn dik id-data tkun ġenerata jew proċessata mill-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ta' network ta' komunikazzjoni pubblika fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom fil-proċess tal-forniment tas-servizzi ta' komunikazzjoni konċernati."

17. L-Artikolu 4 tal-istess direttiva jispeċifika:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li d-data miżmuma skont din id-Direttiva tiġi provduta biss lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, f'każijiet speċifiċi u skont il-liġi nazzjonali. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jinkiseb l-aċċess għal data miżmuma skond ir-rekwiżiti ta' neċessità u ta' proporzjonalità għandhom jiġu definiti minn kull Stat Membru fil-liġi nazzjonali tiegħu, soġġetti għad-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi tal-Unjoni Ewropea jew tal-liġi pubblika internazzjonali, b'mod partikulari il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif interpretata mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem."

18. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/24 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kategoriji ta' data li ġejjin jinżammu skont din id-Direttiva:

[…]

(2) rigward l-aċċess għall-Internet, email bl-Internet u telefonija bl-Internet:

(i) il-*user* ID jew *user* IDs allokati;

(ii) *il-user* ID u n-numru tat-telefon allokati lil kwalunkwe komunikazzjoni li tidħol fin-network tat-telefon pubbliku;

(iii) l-isem u l-indirizz tal-abbonat jew tal-utent reġistrat li lilu kien allokat indirizz tal-*Internet Protocol* (IP), *User* ID jew numru tat-telefon meta twettqet il-komunikazzjoni;

(b) data meħtieġa sabiex tiġi identifikata d-destinazzjoni ta' komunikazzjoni:

[…]

(ċ) data meħtieġa sabiex jiġu identifikati d-data, il-ħin u t-tul ta' komunikazzjoni:

[…]

(d) data meħtieġa sabiex jiġi identifikat it-tip ta' komunikazzjoni:

[…]

(e) data meħtieġa sabiex jiġi identifikat it-tagħmir ta' komunikazzjoni ta' l-utenti jew dak li jkun maħsub bħala t-tagħmir tagħhom:

[…]

(f) data meħtieġa sabiex jiġi identifikat il-lok fejn ikun jinsab it-tagħmir ta' komunikazzjoni mobbli:

[…]

2. L-ebda data li tiżvela l-kontenut tal-komunikazzjoni ma tista', taħt din id-Direttiva, tinżamm."

19. Finalment, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/24 idaħħal paragrafu 1a ġdid mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58. Skont din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 hu inapplikabbli għad-data li ż-żamma tagħha hi speċifikament meħtieġa mid-Direttiva 2006/24.

B – *Id-dritt nazzjonali*

1. Id-dritt tal-awtur

20. Fir-rigward tad-dritt tal-awtur, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/48 kienu trasposti fid-dritt Svediż permezz tal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda fil-Liġi 1960:729 dwar il-proprjetà letterarja u artistika [lagen (1960:729) om upphovsrätt till litterära och konstnärliga verk, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar d-dritt tal-awtur"]. Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2009[10].

10 — Liġi 2009:109, li temenda l-Liġi 1960:729 dwar il-proprjetà letterarja u artistika [Lag (2009:109) om ändring i lagen (1960:729) om upphovsrätt till litterära och konstnärliga verk], tas-26 ta' Frar 2009.

21. L-Artikolu 53c tal-Liġi dwar id-dritt tal-awtur jipprovdi:

"Jekk l-applikant jista' jistabilixxi l-eżistenza ta' provi validi ta' preġudizzju għad-dritt tal-proprjetà intelletwali fuq biċċa xogħol, kif imsemmi fl-Artikolu 53, il-Qorti tista' tordna fuq sejħa lill-persuna jew il-persuni msemmija fit-tieni subparagrafu hawn taħt biex jikkomunikaw informazzjoni dwar l-oriġini u n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-merkanzija jew tas-servizzi li joħolqu preġudizzju għal jew jiksru d-dritt (ordni għall-komunikazzjoni). Miżura bħal din tista' tiġi ordnata fuq talba tad-detentur tad-dritt, tal-aventi kawża tiegħu jew ta' kwalunkwe persuna li kellha d-dritt legali għall-isfruttament tax-xogħol. Din ma tistax tiġi ordnata ħlief meta l-informazzjoni mitluba x'aktarx li tiffaċilita l-investigazzjoni fuq il-preġudizzju tad-dritt jew il-ksur tad-dritt ikkawżat mill-merkanzija u mis-servizzi msemmija.

L-obbligu ta' komunikazzjoni jaqa' fuq kull persuna:

1) l-awtur jew il-kompliċi tal-ksur tad-dritt jew tal-preġudizzju għad-dritt;

2) min għamel użu fuq skala kummerċjali ta' merkanzija li toħloq preġudizzju jew tikser dritt;

3) min għamel użu fuq skala kummerċjali ta' servizzi li joħolqu preġudizzju għal dritt jew jiksru dritt;

4) min ipprovda fuq skala kummerċjali servizz ta' komunikazzjoni elettronika jew affarijiet oħra għat-twettiq tal-preġudizzju għad-dritt jew il-ksur tad-dritt;

   jew

5) min kien identifikat mill-persuna msemmija fil-punti 2) sa 4) hawn fuq bħala dak li ħa sehem fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni tal-merkanzija jew fil-forniment tas-servizz li jiksru dritt jew jikkawżaw preġudizzju għal dritt.

L-informazzjoni dwar l-oriġini u n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-merkanzija jew tas-servizzi tinkludi b'mod partikolari:

1) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, distributuri, fornituri u possessuri preċedenti oħra tal-merkanzija jew tas-servizzi;

2) l-ismijiet u l-indirizzi tal-bejjiegħa bl-ingrossa u tal-bejjiegħa bl-imnut,

   u

3) informazzjoni fuq il-kwantitajiet prodotti, manifatturati, mibjugħa, mgħotija jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għal dawn l-oġġetti jew servizzi inkwistjoni.

Id-dispożizzjonijiet ta' qabel huma applikabbli għat-tentattiv jew għat-tħejjija tal-ksur jew tal-preġudizzju msemmi fl-Artikolu 53."

22. L-Artikolu 53e tal-Liġi dwar id-dritt tal-awtur jipprovdi:

"L-ordni għall-komunikazzjoni ma tistax tiġi ordnata ħlief meta r-raġunijiet li jimmotivawha huma ta' interess superjuri mill-inkonvenjenzi jew mill-preġudizzji oħra li tista' toħloq lir-riċevitur tagħha jew minn kwalunkwe interess li jopponiha.

L-obbligu tal-informazzjoni skont l-Artikolu 53c ma huwiex intiż għall-informazzjoni li l-komunikazzjoni tagħha żżomm lill-persuna msemmija milli tametti l-parteċipazzjoni tagħha jew tal-qraba tagħha, skont tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 36 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja, fit-twettiq ta' reat.

Il-liġi 1998:204 dwar id-data personali [personuppgiftslagen (1998:204)] timponi restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar ta' din l-informazzjoni."

2. Il-ħarsien tad-data personali

23. Id-Direttiva 2002/58 kienet trasposta fid-dritt Svediż b'mod partikolari permezz tal-Liġi 2003:389 dwar il-komunikazzjoni elettronika [lagen (2003:389) om elektronisk kommunikation]. Skont l-Artikolu 20(1) tal-Kapitolu 6 tal-imsemmija liġi, huwa pprojbit għal kwalunkwe persuna li xxandar jew li tuża b'mod mhux awtorizzat informazzjoni dwar l-abbonati li ġiet ikkomunikata lilha jew li kellha aċċess għaliha fil-kuntest tal-provvista ta' netwerk ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika.

24. Il-qorti tar-rinviju tosserva f'dan ir-rigward li l-obbligu ta' kunfidenzjalità, li għandhom b'mod partikolari l-fornituri tas-servizz tal-internet, huwa għalhekk imfassal sabiex jiġi pprojbit biss l-iżvelar jew l-użu mhux awtorizzat ta' ċerta data. Madankollu, dan l-obbligu ta' kunfidenzjalità huwa relattiv, sa fejn dispożizzjonijiet oħra jipprevedu l-obbligu ta' żvelar li għandu għalhekk bħala effett li dan jiġi awtorizzat. Skont il-Högsta domstolen, id-dritt għall-informazzjoni stabbilit permezz tal-Artikolu 53c tal-Liġi dwar id-dritt tal-awtur, li hu applikabbli wkoll għall-fornituri tas-servizz tal-internet, kien ikkunsidrat li ma kellux bżonn ta' adattamenti legiżlattivi speċifiċi sabiex dawn id-dispożizzjonijiet fuq l-iżvelar jipprevalu fuq il-prinċipju tal-obbligu ta' kunfidenzjalità[11]. Id-deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara ordni ta' żvelar telimina għalhekk l-obbligu ta' kunfidenzjalità.

25. Id-Direttiva 2006/24, min-naħa tagħha, ma kinitx trasposta fil-liġi Svediża fit-terminu mogħti għal dan il-għan[12].

III – Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. Bonnier Audio *et*, huma djar ta' pubblikazzjoni, detenturi b'mod partikolari ta' drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni, ta' pubblikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' sebgħa u għoxrin xogħol ippreżentati fil-forma ta' kotba rrekordjati.

27. Bonnier Audio *et* jiddikjaraw li kien sar ksur tad-drittijiet esklużivi tagħhom, minħabba t-tixrid pubbliku ta' dawn is-sebgħa u għoxrin xogħol, mingħajr il-kunsens tagħhom, permezz tas-server FTP ("file transfer protocol"), li jippermetti l-iskambju ta' fajls u t-trasferiment ta' data bejn kompjuters imqabbdin mal-internet.

28. Il-fornitur tas-servizz tal-internet li permezz tiegħu l-allegat skambju illeċitu tal-fajls seħħ huwa ePhone.

29. Bonnier Audio *et* ressqu quddiem is-Solna tingsrätt (il-Qorti tal-ewwel istanza ta' Solna) talba għal ordni għall-finijiet ta' komunikazzjoni tal-isem u tal-indirizz tal-persuna li użat l-indirizz IP minn fejn huwa maħsub li l-fajls imsemmija kienu ntbagħtu, matul iż-żmien ta' bejn l-1 ta' April 2009 fit-03.28 u l-1 ta' April 2009 fil-05.45 .

30. ePhone opponiet din it-talba billi sostniet, b'mod partikolari, li l-ordni mitluba tmur kontra d-Direttiva 2006/24.

31. Fl-ewwel istanza, is-Solna tingsrätt laqgħet it-talba ta' ordni għall-finijiet ta' komunikazzjoni tad-data inkwistjoni.

11 — Il-Högsta domstolen tirreferi f'dan il-punt għax-xogħolijiet preparatorji (proposta 2008/09:67 p. 143) tal-liġi tal-2009, imsemmija iktar 'il fuq.
12 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, iċċitata iktar 'il fuq, u l-Kawża C-270/11, iċċitata iktar 'il fuq.

32. ePhone appellat quddiem is-Svea hovrätt (il-Qorti tal-appell ta' Stokkolma), fejn talbet li tiġi miċħuda t-talba ta' ordni ta' komunikazzjoni. Din il-kumpannija talbet ukoll ir-rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi speċifikat jekk id-Direttiva 2006/24 tipprekludix li l-informazzjoni dwar abbonat, li lilu ġie allokat indirizz IP, tiġi kkomunikata lil persuni oħra barra mill-awtoritajiet imsemmija fl-imsemmija direttiva.

33. Is-Svea hovrätt iddeċidiet li ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2006/24 ma tostakola li parti f'kawża ċivili tiġi ordnata tikkomunika data dwar abbonat lil persuni oħra barra awtorità pubblika. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti caħdet it-talba ta' rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

34. Din l-istess qorti osservat ukoll li d-djar ta' pubblikazzjoni tal-kotba rrekordjati ma kinux stabbilixxew l-eżistenza ta' provi validi ta' ksur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali. Għaldaqstant iddeċidiet li tannulla l-ordni ta' komunikazzjoni mogħtija mis-Solna tingsrätt. Bonnier Audio *et* għaldaqstant appellaw quddiem il-Högsta domstolen, il-qorti tar-rinviju.

35. Din il-qorti tqis li, minkejja s-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll id-digriet LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten, iċċitat iktar 'il fuq, għad hemm dubju dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 53(c) tal-Liġi dwar id-dritt tal-awtur, sa fejn la din is-sentenza u lanqas dan id-digriet ma jirreferu għad-Direttiva 2006/24.

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Högsta domstolen iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Id-Direttiva 2006/24/KE [...], b'mod iktar speċifiku l-Artikoli 3 [sa] 5 u 11 tagħha, tipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, stabbilita abbażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48/KE [...] li, għall-finijiet ta' identifikazzjoni ta' abbonat, tippermetti li fornitur ta' servizz tal-internet jiġi ordnat jikkomunika indirizz IP lill-proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur jew lill-aventi kawża tiegħu, [fi proċeduri ċivili] liema indirizz serva għall-ksur tad-drittijiet? Hemm preżunzjoni, minn naħa, li l-applikant għall-ordni pproduċa provi reali tal-ksur ta' drittijiet tal-awtur u, min-naħa l-oħra, li l-miżura mitluba hija proporzjonata.

(2) Il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat għadu ma ttrasponiex id-Direttiva 2006/24, filwaqt li t-terminu għal din it-traspożizzjoni skada, għandu effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda?"

37. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Bonnier Audio *et,* minn ePhone, mill-Gvern Svediż, minn dak Ċek, minn dak Taljan u minn dak Latvjan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

38. Il-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub kienu rrappreżentati waqt is-seduta, li nżammet fit-30 ta' Ġunju 2011, ħlief għall-Gvern Ċek u għal dak Latvjan.

IV – Analiżi

A – *Fuq il-portata tad-Direttiva 2006/24*

39. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf, jekk, essenzjalment, id-Direttiva 2006/24 tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali, stabbilita abbażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48, li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' abbonat tal-internet jew ta' utent tal-internet, tippermetti li tordna lil fornitur tas-servizz tal-internet li jikkomunika, lid-detentur tad-dritt tal-awtur jew lill-aventi kawża tiegħu, l-isem u l-indirizz ta' abbonat li ġie allokat indirizz IP li seta' kien użat fil-preġudizzju tal-imsemmi dritt.

40. Il-qorti tar-rinviju tagħmel din id-domanda abbażi tal-premessa li, fil-kawża prinċipali, minn naħa, dawk li talbu l-ordni, Bonnier Audio *et*, għandhom provi li juru li kien hemm preġudizzju għad-dritt tal-awtur u, min-naħa l-oħra, li l-miżura mitluba hija proporzjonata.

41. Barra minn hekk, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-azzjoni li ttieħdet minn Bonnier Audio *et,* fil-kawża prinċipali, għall-finijiet li tiġi kkommunikata d-data personali, hija parti mill-kuntest ta' proċedura ċivili.

42. L-ewwel domanda li għandha tiġi magħmula hija dwar jekk id-data mitluba hijiex data personali. Fil-fatt, sabiex il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien ta' data personali tkun applikabbli, id-data trid tkun ta' dan it-tip. Il-kawża prinċipali tirrigwarda l-isem u l-indirizz ta' abbonat, li għandhom jiġu identifikati abbażi ta' indirizz IP. Minn dan isegwi li hawnhekk qegħdin fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-ħarsien tad-data personali.

43. Madankollu għandu jitfakkar li l-identità tal-persuna maħsuba li tista' twettaq preġudizzju tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ma tistax tiġi stabbilita sempliċiment abbażi tal-indirizz IP meta bosta persuni jistgħu jużaw l-aċċess għan-netwerk identifikat minn dan l-istess indirizz IP. Dan huwa l-każ pereżempju ta' netwerks mingħajr fili li ma għandhomx protezzjoni effettiva, tal-piraterija tal-kompjuters imqabbda mal-internet kif ukoll tas-sitwazzjonijiet fejn bosta persuni jistgħu jużaw l-istess kompjuter. Madankollu, jidhirli li f'xi Stati Membri, indirizz IP jista' jintuża bħala prova tal-identità tal-persuna li setgħet wettqet preġudizzju [13].

44. Sussegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk id-Direttiva 2006/24 hijiex applikabbli għall-kawża prinċipali. Fil-kawża Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, din id-direttiva ma kinitx applikabbli *ratione temporis,* u huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja warrbitha mill-bidu [14].

45. Sabiex issir il-verifika tal-applikabbiltà *ratione materiæ* tad-Direttiva 2006/24 f'din il-kawża, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1 tagħha, din id-direttiva hija intiża li tiżgura "li d-data tkun disponibbli għal skopijiet ta' investigazzjoni, skoperta ta' prosekuzzjoni ta' reati serji, kif definita minn kull Stat Membru fil-liġi nazzjonali tiegħu" [15]. Barra minn hekk, l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jobbliga lill-Istati Membri sabiex jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li d-data msemmija mill-istess direttiva tiġi trażmessa biss lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, f'każijiet speċifiċi u skont id-dritt nazzjonali.

46. Iżda, il-kawża prinċipali tinvolvi proċedura ċivili, u d-data ma hijiex mitluba minn awtorità nazzjonali kompetenti iżda minn individwi.

47. Għaldaqstant jidhirli li d-Direttiva 2006/24 ma hijiex applikabbli *ratione materiae* għall-kawża prinċipali, minkejja li d-data miżmuma għal finijiet awtorizzati mill-imsemmija direttiva jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar il-ħarsien ta' data personali, sa fejn l-operatur żamm id-data għal finijiet oħra.

48. Konsegwentement, it-tieni domanda, dwar l-impatt tan-nuqqas ta' traspożizzjoni fid-dritt Svediż tad-Direttiva 2006/24 fuq ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda, ma għadhiex rilevanti.

49. Minkejja li d-Direttiva 2006/24 ma hijiex applikabbli f'din il-kawża, għandha tiġi magħmula d-domanda dwar x'tista' tkun ir-rilevanza tagħha fil-kawża prinċipali. Qabel niġi għal din id-domanda, irrid qabelxejn nittratta d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tad-data personali.

13 — Ir-rappreżentant ta' ePhone indika, waqt is-seduta, li ċerti fornituri tas-servizz tal-internet ħassru sistematikament l-informazzjoni dwar l-indirizzi IP sabiex jimpedixxu li din l-informazzjoni tiġi użata kontra l-klijenti tagħhom.

14 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssemmix id-Direttiva 2006/24 fis-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, kuntrarjament għall-Avukat Ġenerali Kokott li ssemmietha (ara, b'mod partikolari, il-punti 122 *et seq* tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Promusicae, imsemmija iktar 'il fuq).

15 — Għall-interpretazzjoni tal-kunċett "reati gravi" tal-Istati Membri, ara r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2006/24[COM(2011) 225 finali].

B – *Fuq il-limitazzjonijiet għall-ħarsien ta' data personali*

50. Għandhom jiġu mfakkra hawnhekk xi prinċipji bażiċi li jirregolaw il-ħarsien ta' data personali fid-dritt tal-Unjoni.

51. Il-prinċipju fundamentali ddikjarat mill-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46 huwa dan li ġej, jiġifieri d-data personali għandha tkun miġbura għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi, u ma tkunx ipproċessata iktar 'il quddiem b'mod inkompatibbli ma' dawn il-finijiet. Il-ġbir tad-data personali u l-modalitajiet tagħha, kif ukoll il-finijiet, għandhom jiġu deċiżi minn qabel. L-ipproċessar ulterjuri li jkun inkompatibbli mal-finalitajiet iddefiniti minn qabel huwa pprojbit.

52. Għaldaqstant għandu jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn ir-rekwiżiti kinux adottati fuq livell tal-Unjoni Ewropea jew fuq livell nazzjonali f'dak li jirrigwarda ż-żamma tad-data personali u t-trażmissjoni tagħha lil terzi f'każ ta' preġudizzju preżunt għal dritt ta' proprjetà intellettwali invokat minn individwi.

1. Dwar il-limitazzjonijiet previsti fil-livell tal-Unjoni.

53. Rigward id-dritt tal-Unjoni dwar id-data tat-telekomunikazzjoni, hemm id-Direttiva speċifika 2002/58, kif kienet ikkompletata permezz tad-Direttiva 2006/24, li tispeċifika l-kuntest ġenerali previst mid-Direttiva 95/46. Issa, l-eżami tad-Direttivi 2002/58 u 2006/24 juri biċ-ċar li dawn ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni speċifika fir-rigward taż-żamma u tal-użu tad-data tat-telekomunikazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuq inizjattiva ta' individwi. Id-Direttiva 2002/58 hija bbażata fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Id-Direttiva 2006/24 hija intiża min-naħa tagħha għaż-żamma tad-data mill-awtoritajiet pubbliċi bil-ħsieb tal-iskoperta ta' reati gravi. Rigward preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mqajma minn individwi, għandu jiġi kkonstatat li la d-Direttiva 2002/58 u lanqas id-Direttiva 2006/24 ma jipprevedu l-possibbiltà jew l-obbligu li tinżamm jew li tintuża d-data msemmija għal fini bħal dan, jew li jsir użu ta' data diġà eżistenti, li kienet miżmuma għal finijiet oħra.

54. Rigward id-Direttiva 2004/48, l-uniku riferiment għad-data personali jinsab fl-Artikolu 8(3)(e) ta' din id-direttiva. Skont din id-dispożizzjoni, il-paragrafi 1 u 2 tal-imsemmi Artikolu 8, li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni li tista' tikkonċerna l-preġudizzju għad-dritt ta' proprjetà intellettwali, japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari oħra li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali. Id-Direttiva 2004/48 tindika għalhekk li għandhom jiġu osservati d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali. Min-naħa l-oħra, hija la tispeċifika d-data personali li tista' tinżamm, la l-għan taż-żamma tagħha, la t-tul taż-żamma msemmija, u lanqas il-persuni li jistgħu jkollhom aċċess f'każ ta' preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

55. Minkejja li, fil-livell tal-Unjoni, tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' direttiva li tikkompleta d-Direttiva 2002/58 billi jiġi prevista l-obbligu ta' żamma fir-rigward tal-preġudizzju għal dritt ta' proprjetà intellettwali u li tiddefinixxi kemm il-għan ta' din iż-żamma, id-data li għandha tinżamm, it-tul taż-żamma kif ukoll il-persuni li jistgħu jkollhom aċċess għaliha, għandu jiġi kkonstatat li tali direttiva sa issa għadha ma teżistix [16].

56. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni preżenti tal-Unjoni ma tipprevedix il-modalitajiet neċessarji għaż-żamma u għat-trażmissjoni tad-data personali li hija ġġenerata waqt il-komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb tat-trażmissjoni tagħha f'każ ta' preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali invokat minn individwi.

16 — Dan hu dak li l-Avukat Ġenerali Kokott kienet diġà rrilevat fil-punt 110 tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Promusicae, imsemmija iktar 'il fuq.

2. Dwar il-limitazzjonijiet previsti fil-livell tal-Istati Membri

57. Fir-rigward tad-dritt tal-Istati Membri, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58 jippermetti l-limitazzjoni tal-applikabbiltà tal-prinċipji li fuqhom hija msejsa d-direttiva msemmija.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dan l-artikolu fis-sentenza tagħha Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, u fid-digriet LSG Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten, iċċitat iktar 'il fuq. Għaldaqstant hija kkunsidrat li d-Direttiva 2002/58 ma teskludix il-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jipprevedu l-obbligu ta' żvelar, fil-kuntest ta' proċedura ċivili, ta' data personali, iżda li d-dritt tal-Unjoni ma jirrikjedix mill-Istati Membri li jipprevedu tali obbligu [17]. Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet ukoll konnessjoni bejn l-Artikolu 15(1) tad-direttiva msemmija u l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46 [18].

59. Is-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, tevoka l-iżvelar tad-data personali u, *in fine,* l-obbligi tal-Istati Membri, waqt *it-traspożizzjoni tad-direttivi kkonċernati,* li jiżguraw li jibbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni ta' dawn tal-aħħar li tippermetti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali differenti li huma mħarsa mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [19]. Ninterpreta din il-konstatazzjoni fis-sens li l-prinċipji bażiċi ta' kull qasam — jiġifieri l-ħarsien tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni elettronika u l-ħarsien tad-dritt tal-awtur u tad-drittijiet relatati — għandhom ikunu kompletament irrispettati.

60. Sabiex l-iżvelar ta' data personali jkun possibbli, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li obbligu ta' żamma jkun previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiċċara l-kategoriji tad-data li għandha tinżamm, l-għan taż-żamma, it-tul taż-żamma u l-persuni li jistgħu jkollhom aċċess għaliha. Ikun kontra l-prinċipji tal-ħarsien tad-data personali li jsir użu ta' databases li qegħdin hemm għal finijiet differenti minn dawk iddefiniti mil-leġiżlatur.

61. Konsegwentement, sabiex iż-żamma u t-trażmissjoni tad-data personali tkun kompatibbli mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprevedi, minn qabel u b'mod iddettaljat, il-limitazzjonijiet, introdotti bil-liġi, li jistgħu jolqtu d-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 5, 6, 8(1) sa (4), u 9 tad-direttiva msemmija [20]. Limitazzjoni stabbilita b'dan il-mod għandha tikkostitwixxi miżura neċessarja, adegwata u proporzjonata. Issa, obbligu ta' żvelar, impost fuq il-fornitur ta' servizz tal-internet u li jirrigwarda data personali miżmuma għal għan ieħor, ma huwiex suffiċjenti sabiex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti [21].

62. Bħala konklużjoni, għandu jiġi enfasizzat li d-drittijiet fundamentali dwar il-ħarsien tad-data personali u tal-ħajja privata, minn naħa, kif ukoll dwar il-ħarsien tal-proprjetà intellettwali, min-naħa l-oħra, għandhom jibbenefikaw minn ħarsien ugwali. Għaldaqstant ma għandhomx jiġu pprivileġġati d-detenturi tad-dritt ta' proprjetà intellettwali, billi jingħatalhom il-permess li jużaw id-data personali li kienet miksuba b'mod legali u miżmuma għal finijiet li ma humiex relatati mal-ħarsien tad-drittijiet tagħhom. Il-ġbir u l-użu tad-data msemmija għal finijiet bħal dawn, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni dwar il-ħarsien ta' data personali, jimplikaw l-adozzjoni minn qabel, mil-leġiżlatur nazzjonali, ta' dispożizzjonijiet iddettaljati, skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58 [22].

17 — Ara s-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, (punti 54 u 59).

18 — Ara d-digriet LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten, iċċitat iktar 'il fuq, punt 26 li jgħid: "[f]il-fatt, fil-punt 53 tas-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fost l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, li jirreferi b'mod speċifiku għall-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46, hemm *miżuri indispensabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-oħrajn.* Peress li d-Direttiva 2002/58 ma tippreċiżax id-drittijiet u l-libertajiet ikkonċernati minn din l-eċċezzjoni, din għandha tiġi interpretata li tesprimi r-rieda tal-leġiżlatur Komunitarju li ma jiġux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-protezzjoni tad-dritt għal proprjetà u lanqas is-sitwazzjonijiet li fihom l-awturi jfittxu li jiksbu din il-protezzjoni fil-kuntest ta' proċedura ċivili." (l-enfasi hija tiegħi).

19 — Ara s-sentenza Promusicae, iċċitata iktar 'il fuq (punt 68).

20 — Madankollu għandu jitfakkar li l-assenza totali ta' limitazzjoni tal-kunfidenzjalità tista' wkoll tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB (ara Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza K.U. vs Il-Finlandja, tat-2 ta' Diċembru 2008, Rikors Nru 2872/02).

21 — Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika l-eżistenza ta' tali miżuri u li tiżgura li jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija.

22 — Il-proċedura leġiżlattiva hija indikata b'interventi bħal dawn: "Mill-Artikolu 8(2) tal-KEDB u mill-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [...] jirriżulta li intervent għandu jkun previst mil-liġi, li jservi għan leġittimu u li jkun bżonnjuż f'soċjetà demokratika biex jintlaħaq dan l-għan leġittimu" [ara l-punt 8 tal-opinjoni tal-Kontrollatur Ewropew għall-ħarsien tad-data dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq id-direttiva taż-żamma tad-data (Direttiva 2006/24/KE), punt 8 (ĠU 2011, C 279, p. 1)].

V – Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'dan il-mod għad-domandi preliminari magħmula mill-Högsta domstolen:

"1) Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ma tapplikax għall-ipproċessar tad-data personali għal finijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-direttiva msemmija. Konsegwentement, id-direttiva msemmija ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li abbaži tagħha, fil-kuntest ta' proċedura ċivili, għall-finijiet li jiġi identifikat abbonat speċifiku, il-qorti tordna lil fornitur tas-servizz tal-internet sabiex jiżvela lid-detentur tad-dritt tal-awtur, jew lill-aventi kawża tiegħu, informazzjoni relatata mal-identità tal-imsemmi abbonat li ġie allokat indirizz IP, li seta' kien użat fil-preġudizzju għall-imsemmi dritt. Madankollu, din l-informazzjoni kellha tinżamm sabiex setgħet tkun żvelata u użata għal dan il-fini skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali u ddetaljati, li kienu adottati fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

2) Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, it-tieni domanda ma għadx għandha skop."